# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Jannar 2020

**Rikors Numru : 173/2019/2 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**NS**

**vs**

**SC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 23 ta' Settembru 2019 permezz ta' liema huwa talab illi jigi awtorizzat jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fit-terminu opportuni li jigi stabbilit minn din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan salv kull provvediment li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat li l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-attrici datat 15 ta' Ottubru 2019 permezz ta' liema hija talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-konvenut u tiddikjara lil konvenut kontumaci ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Frangisku u Marianna Tona vs Martin Zerafa** deciza fit-23 ta' Jannar 2004, gie osservat illi :

> "***Huwa pacifiku illi l-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "osservata alla lettera e non per equipollens" (Vol XVII pI p879).***"

Il-Qorti taghraf ukoll illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Rea Ceramics Limited (C 23288) vs Kunsill Malti ghall-Isport et** deciza fit-18 ta' Lilju 2014:

> "***L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba da parti tal-attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha ghall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Maz-zmien il-qrati Maltin iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghall-htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata. Di fatti l-gurisprudenza interpretattiva stabbiliet certu fatturi li jirrendu l-kontumacja mhux gustifikabbli. Dawn huma fil-kaz li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuza; jew priva minn kawza gusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imharrek li kien pogga lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu; jew ma kienx kaz ta' zball invincibbli."***

Il-Qorti rat illi l-konvenut kien gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici fid-29 ta' Lulju 2019 u illi fit-23 ta' Settembru 2019 intavola r-rikors in kwistjoni sabiex jitlob awtorizazzjoni jintavola r-risposta guramentata tieghu wara l-iskadenza tat-terminu impost mill-ligi.

Mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2019 jirrizulta illi l-konvenut, tramite r-rapprezentant legali tieghu, iddikjara illi m'ghandhomx provi x'jipproduci dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Jirrizulta wkoll illi l-fatti esposti r-rikors tat-23 ta' Settembru ma gewx ikkonfermati bil-gurament mill-konvenut. Illi ghalhekk, ghalkemm il-konvenut jippremetti fir-rikors tieghu illi r-raguni ghaliex ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu fit-terminu moghti lilu mill-ligi hija li dak iz-zmien huwa kien qed jirkupra minn infortunju mediku, huwa naqas milli jressaq kwalunwke tip ta' prova sabiex jissotanzja din il-premessa.

Rigward l-argument tal-konvenut illi huwa ghandu jinghata estensjoni tat-terminu ghaliex dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri, il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa minnu illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili il-Qorti hija moghnija bil-poter li tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex tipprotegi l-ahjar interess tal-minuri, dan ma jfissirx illi l-ligi procedurali tista' tigi ghal kollox skartata. L-oneru illi jipprezenta r-risposta tieghu fil-hin sabiex jassigura li jkun jista' jressaq il-provi tieghu quddiem il-Qorti f'din il-kawza kien jinkombi fuq il-konvenut, u galadarba l-konvenut naqas milli josserva t-terminu mpost mill-ligi, jew ghall-anqas iressaq provi sodisfacenti li hemm raguni valida li jiggustifikaw il-kontumacja tieghu, *imputet sibi.*

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-konvenut tat-23 ta' Settembru 2019 u tiddikjara lil konvenut kontumacja ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**